**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 238/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carlo Bartolo**

Illum 16 ta' Dicembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carlo Bartolo, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 314870(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-13 ta' Dicembru, 2015 ghal habta tat-20:00hrs waqt li kien fi Triq is-Salib, Mellieha:

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb xort'ohra li ma titqiesx vjolenza kontra PS914 I.Mifsud u PS691 J.Mula, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi.
2. U aktar talli ngurja u/jew hedded bi kliem lil PS914 I.Mifsud u PS691 J.Mula persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.
3. U aktar talli ghamel theddid b'ordni jew kundizzjoni lil PS914 I.Mifsud u PS691 J.Mula persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dak is-servizz jew bil-hsieb jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. U aktar talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
5. U aktar talli kiser il-paci pubblika u bon ordni b'ghajjat u/jew glied;

6. U aktar talli fl-istess data u fis-snin ta' qabel zamm tlett iklieb li ghandhom aktar minn sitt(6) xhur minghajr ma kellu licenzja mahruga minn awtorita kompetenti;
7. U aktar tali kkometta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif moghtija mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D nhar it-30 ta' April 2014 liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel;
8. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi li kiser ai termini tal-artikli 49/50.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-05 ta' Awwissu, 2019 li wara li rat l-Artikoli 49, 50, 96 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali sabet lil imputat bhala recediv, ħati tal-ewwel, tal-hames u tat-tmien imputazzjoni filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erbat elef ewro (€4000) u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1).

Rat ir-rikors tal-appellant Carlo Bartolo, ppreżentat fid-09 ta' Awwissu 2019, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Fl-ewwel lok tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u nvalida.
2. Illi fl-eventwalita illi l-ewwel aggravju ma jigix milqugh, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie lliberat mit-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' akkuzi, filwaqt li tirrevokaha fejn gie misjub hati tal-ewwel, il-hames u t-tmien imputazzjonijiet u tilliberah minnhom u konsewgentement tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat l-appellant jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tas-sentenza appellata u wkoll tac-citazzjoni u dan billi d-data fil-preliminari tas-sentenza giet indikata b'mod erronju, u wkoll c-citazzjoni tindika b'mod zbaljat il-post fejn sehh l-incident mertu ta' dan il-kaz. Jishaq illi d-data meta allegatament gew kommessi r-reati addebitati lill-appellant kien il-jum tat-03 ta' Dicembru 2015 u mhux dak tat-13 ta' Dicembru 2015 kif indikat fl-imsemmija sentenza u *di' piu* l-allegata konfrontazzjoni bejn l-appellant u l-pulizija sehhet fir-residenza tieghu u cioe' fl-indirizz 198, Triq is-Salib il-Mellieha u mhux barra f'din it-triq kif indikat fic-citazzjoni u cioe' fi Triq tas-Salib, Mellieha.

Illi l-elementi mehtiega *ad validitatem* f'sentenza tal-qorti huma elenkati fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9, b'xi nuqqas f'wahda minnhom ikun bizzejjed sabiex iwassal ghan-nullita' ta' dik is-sentenza. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

L-appellant jilmenta illi fil-preliminari tas-sentenza u cioe' f'dik il-parti fejn is-sentenza tirriproduci l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-persuna imputata, id-data ta' meta allegatament sehhet il-vicenda mertu ta' dawn il-proceduri giet indikata b'mod erronju bhala dik tat-13 ta' Dicembru 2015, minflok it-03 ta' Dicembru 2015. Fil-fehma tal-appellant hija f'din il-parti tas-sentenza li l-qorti tirriproduci l-fatti tal-kaz li allura gew indikati b'mod erronju sabiex b'hekk tavvera ruhha n-nullita' tas-sentenza.

Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi ma tistax taqbel ma' din il-lanjanza. Dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi fil-preliminari tas-sentenza d-data meta allegatament sehhew ir-reati addebitati lill-appellant giet indikata hazin, madanakollu minn qari akkurata tas-sentenza appellata ghandu johrog illi

meta fil-korp tad-decizjoni l-Qorti taghti rendikont tal-fatti tal-kaz, id-data tigi hemmhekk indikata korrettement sabiex b'hekk ghall-appellant ma ghandu jkun hemm ebda dubbju dwar liema fatti huwa gie misjub hati. Tghid hekk l-Ewwel Qorti fil-parti espositiva tal-fatti:

**"Illi l-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hija illi fit-03 ta' Dicembru 2015 …."**, u tkompli bl-esposizzjoni tal-fatti probatorji, b'dan ghalhekk illi ma hemm ebda dubbju illi l-fatti rapportati fis-sentenza jduru madwar din id-data u cioe' dik tat-03 ta' Dicembru u mhux it-13 ta' Dicembru 2015, li x'aktarx kien isarraf fi zball tipografiku. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju ma jisthoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant iqanqal ukoll il-pregudizzjali dwar in-nullita' ta'l-akkuza billi din fil-fehma tieghu tindika post differenti fejn sehhew ir-reati lilu addebitati. Jikkontendi illi l-konfrontazzjoni mal-pulizija sehhet fir-residenza tieghu u cioe' gewwa l-fond 128, Triq is-Salib, il-Mellieha u mhux fit-triq barra, kif hemm indikat fl-akkuza.

Illi minn qari tac-citazzjoni jirrizulta illi l-appellant gie mixli illi "**nhar it-03 ta' Dicembru 2015 ghal habta tat-20:00hrs waqt li kont fi Triq tas-Salib, il-Mellieha ….**" u jsewgi l-elenku tal-akkuzi lilu addebitati.

Din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-appellant qed iggebbed ir-regoli tal-procedura meta jishaq illi hemm nullita' fl-imputazzjonijiet minhabba f'din ir-raguni ghaliex ghalkemm huwa minnu illi l-post fejn sehh l-incident kien gewwa ir-residenza tal-appellant u mhux barra fit-triq, madanakollu l-imsemmija residenza tinsab proprju fit-triq indikata fic-citazzjoni u mhux f'xi lok iehor li huwa ghal kollox differenti. Illi r-residenza tal-appellant tinsab proprju fi Triq is-Salib, il-Mellieha u kwindi ghalkemm ic-citazzjoni ma tindikax l-indirizz bil-preciz, huwa indubitat illi huwa proprju fl-ambjenti li jinsabu gewwa Triq is-Salib, il-Mellieha illi avverraw rwiehhom l-allegati atti inkriminatorji. Illi allura meta l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-appellant b'akkuzi marbuta mal-attakk u/jew resistenza fil-konfront ta' ufficjali tal-pulizija, fost reati ohra, fejn hemm indikat id-data u l-hin meta sehh l-incident mertu tal-

kaz, bl-ebda tigbid tal-imaginazzjoni ma jista' jinghad illi l-post huwa indikat hazin semplicement ghaliex hemm ommissjoni fin-numru tal-bieb tar-residenza li tinsab proprju fil-post indikat fl-imsemmija citazzjoni, li mhi xejn ghajr 'l hekk imsejjah *avviso a comparire*. B'dawn l-indikazzjonijiet l-appellant seta' jifhem ben tajjeb b'liema reati kien qieghed jigi addebitat u ma' liema fatti kienu qed jigu marbuta dawn ir-reati biex b'hekk kellu opportunita' shiha ihejji id-difiza tieghu, kif fil-fatt ghamel b'mod abbli permezz tad-difensur tieghu. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant jigi misjub hati mill-Ewwel Qorti tar-reat imfassal fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali u dan meta huwa allegatament offra resistenza fil-mument illi l-ufficjali tal-pulizija kienu qed jipprocedu ghall-arrest tieghu. L-appellant isib oggezzjoni ghal din id-decizjoni meta jallega illi kienu fil-fatt l-ufficjali tal-pulizija li kienu gew biex jarrestawh in sewgitu ghal mandat ta' arrest mahrug sabiex jidher il-Qorti l-ghada, li kienu aggressivi fil-konfront tieghu u mhux vice-versa. Illi dwar il-fatti tal-kaz l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet esposizzjoni dettaljata tax-xiehda mressqa quddiemha u a skans ta' repetizzjoni l-Qorti qed taghmel referenza ghaliha.

Illi minn ezami mill-gdid li ghamlet il-Qorti tax-xiehda migjuba quddiem l-Ewwel Qorti jinghad li din tipprezenta ruhha bhala wahda konfliggenti, bil-pulizija involuti fl-arrest tal-appellant jindikaw illi huwa hataf lill-ufficjal PS914 Ivan Mifsud minn ghonqu hekk kif dan kien qed jipprocedi ghall-arrest tieghu. L-appellant jichad li agixxa b'dan il-mod anzi jallega illi huwa ma setax irresista meta kien hemm ghad gmielu ta'pulizija fuqu u li kienu huma li agixxew b'mod aggressiv fil-konfront tieghu, tant illi anke sofra xi griehi f'dan l-iskontru. Illi dan il-fatt gie rikonoxxut mill-Ewwel Qorti stess li stqarret illi il-pulizija ngurjaw lill-appellant ukoll meta intuza xi kliem offensiv fil-konfront tieghu.

Mhux biss izda ghalkemm l-ufficjali tal-pulizija ighidu li kisbu access ghar-residenza tal-appellant u dan billi il-firroll gie imnizzel u huma dahhlu

liberalment billi fethu il-bieb, l-appellant minn naha tieghu isostni illi dawn sgassaw il-bieb ta' barra tant illi irrizultat hsara fl-istess.

Illi l-verzjoni tal-appellant f'dan ir-rigward hija wahda aktar kredibbli u verosimili u msahha bix-xiehda ta' ibnu stess Jean Carlo izda fuq kollox b'dik ta' certu Tonio Edwards, li ghandu s-sengha ta' mastrudaxxa, li kkonferma li ghamel xi xoghol ta' tiswija fuq dan il-bieb ta' barra billi kien fih xi hsarat kompatibbli ma' sgass. Anke Antoinette Mallia oht l-appellant tikkonferma fix-xiehda taghha li rat lill-pulizija ihabbtu bil-goff fuq il-bieb ta' barra meta ghaddiet minn hemm bit-tifel l-iehor tal-appellant li kienet gabbret mill-privat fuq talba tieghu stess, tant illi t-tifel beza'. Dan ifisser allura illi kuntrarjament ghal dak mistqarr mill-ufficjali tal-pulizija kollha involuti f'dan l-arrest, huma ma dahhlux ghand l-appellant bil-kwiet billi fethu l-bieb ta' barra, izda hija aktar attendibbli l-verzjoni tad-difiza illi dawn bdew ighajjtu u jsabbtu bil-goff fuq il-bieb tant illi spiccaw sgassawh biex kisbu access ghall-ambjenti ta' gewwa d-dar u ghalhekk ghall-appellant. Mhux biss, izda gjaldarba, kif jikkontendu dawn l-ufficjali tal-pulizija, il-firroll tal-bieb nizel u l-bieb infetah wahdu, kien certament jonqos il-bzonn li jigu minnhom imsejjha erba' ufficjali mis-sezzjoni tal-RIU[1], bid-WPC264 tghid li addirittura gew diversi *units* minn din is-sezzjoni[2]. Dan ghalhekk jiskossa l-kredibbilta' ta' dak mistqarr mill-ufficjali tal-pulizija li fix-xiehda taghhom jichdu illi kien hemm l-uzu tal-forza minn naha taghhom kemm meta kisbu access ghar-residenza tal-appellant kif ukoll meta kienu qed jipprocedu ghall-arrest tieghu.

Illi *di piu'*, kif tajjeb jikkontendi l-appellant fl-appell minnu ntentat il-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq bhala prova il-mandat ta'l-arrest mahrug mill-Qorti tal-Magistrati li bis-sahha tieghu l-ufficjali tal-pulizija kienu qed jipprocedu ghall-arrest tal-imputat, prova determinanti fil-fehma tal-Qorti sabiex jigi ppruvat il-legittimita' tal-azzjonijiet tal-pulizija.

Dan ifisser ghal din il-Qorti li ghalkemm huwa nkontestat li kien hemm disubbidjenza tal-ligi minn naha tal-imputat li ma tax access lill-pulizija minnufih hekk kif bdew jintimawh biex johrog mid-dar tieghu ha jkellmuh, u

---

[1] Ara affidavit PC902 Karol Spteri a fol.3/4

[2] Ara affidavit a fol.8

għalkemm ukoll jirrizulta, anke *ex admissis*, illi l-appellant ingurja u/jew hedded lill-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-arrest tiegħu, madanakollu hemm dubbju dwar il-grad ta' vjolenza u resistenza eżerċitat mill-appellant u dan fid-dawl tal-kunflitt fil-provi li hemm fl-atti, liema kunflitt gie riskontrat mill-Ewwel Qorti u li allura fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jimmilita favur l-appellant. L-appellant jichad illi hataf lil PS914 Ivan Mifsud minn ghonqu, u jikkontendi illi ma setax ilahhaq man-numru ta' pulizija li marru ghandu biex jarrestawh. Illi anke ibnu minuri Jean Carlo, l-uniku xhud okulari u indipendenti ghal dan l-incident, jichad illi missieru ezercita xi forma ta' vjolenza jew forza fuq l-pulizija u li kienu dawn li tefghuh fuq is-sodda hekk kif dahhlu fil-kamra tas-sodda fejn kien jinstab hu imwerwer fi hdan missieru. Fil-fatt kien l-appellant li sofra griehi f'dan l-iskontru[3] u mhux il-pulizija, ghallinqas ma hemm l-ebda prova dwar dan fl-atti.

Illi l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita' taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

[3] Ara affidavit u certifikat ta' Dr. Christopher Mercieca

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

> **"Biex ikun hemm ir-reat ta' attakk u rezistenza kontra persuna inkarikata minn servizz publiku, anki r-rezistenza hija bizejjed; basta li dejjem tkun akkompanjata almenu b'vie di fatto ("active force"). Issa kif hemm korrettement spjegat fl-Annotazioni alle Leggi Criminali ta'l-Avukat Falzon:-'L'attacco e' il fatto di prendere l'offensiva, e la resistenza e' il fatto di prendere la difensiva. Si' nell'uno che nell'altro caso e' necessario che abbiano avuto luogo violenza o vie di fatto.[4]'"**

Illi allura l-att ta' resistenza irid necessarjament ikun akkompanjat bil-vjolenza jew bl-uzu tal-forza u mhux ikun wiehed biss ta' inazzjoni billi jekk l-agir tal-awtur tar-reat jissarraf biss f'disubbidjenza ghall-ordinijiet legittimi tal-pulizija kif ipprospetta il-Carrara:: "*l'esecutore dice al privato 'deve venire in carcere' e il-privato risponde 'non voglio venire'*, dan mhux bizzejjed sabiex ifisser ir-resistenza li trid il-ligi. Ikompli jinghad:

> **".... Meta l-imputat irrifjuta persistentement li imur l-Ghassa, beda jezercita grad mhux riprovevoli ta' koazzjoni fizika, allura l-imputat, partikolarment, barra li jithabat, beda jaghti lill-kuntistabbli b'minkbu fuq sidru ghamel resistenza skont il-ligi, li hija kristallizzata fil-massima antika imsemmija mill-Carmigniani fl-"Elementi", pag.865 "resistere est cum lictoribus pugnare." U "pugnare" ghandha tigi interpretata precizament fis-sens li ghall-forza fizika ta'l-awtorita pubblika l-privat jikkontraponi forza fizika kuntrarja.[5]"**

Illi allura billi l-Qorti hija rinfaccjata b'dubju dettat mir-raguni dwar jekk fil-fatt l-appellant ezercitax xi uzu ta' forza meta l-pulizija kienu qed jipprocedu

---

[4]Il-Pulizija vs John Mallia – App.Inf. 21/05/1960
[5]Appell Inf. Il-Pulizija vs Carmel Abela 14/11/1949

ghall-arrest tieghu, l-Qorti tqies illi ghalkemm seta jikkonfigura ruhu r-reat mahsub fl-artikolu 95, kif inkwadrat fit-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, u dan meta l-appellant ingurja u hedded lill-imsemmija pulizija waqt li kienu qed jipprocedu ghal-arrest tieghu u kien hemm id-disubbidjenza ghall-ordni lilu moghtija, huwa gie lliberat minn din l-imputazzjoni mill-Ewwel Qorti. Madanakollu ma jistax jinghad illi l-elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat mahsub fl-artikolu 96 jirrizultaw ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u allura dan id-dubbju ghandu iwassal ghal liberatorja. Ghal dawn il-motivi, l-appellant ser jigi lliberat ukoll mill-akkuzi l-ohra li dwarhom gie misjub hati. Jinghad biss illi lanqas ma jista' jinghad li tirrizulta r-reita' ghal-hames imputazzjoni dwar il-ksur tal-paci u ordni pubblika u dan billi jidher illi l-kommozzjoni sehhet interament fir-residenza tal-appellant u mhux barra fit-triq. Il-kommozzjoni li sehhet barra fit-triq saret mill-pulizija u mhux mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell interpost tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellant gie lliberat mit-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, izda tirrevokaha fejn huwa gie misjub hati tal-ewwel, tal-hames u tat-tmien imputazzjonijiet u tghaddi biex tilliberah minnhom ukoll, biex b'hekk l-appellant qed jigi lliberat minn kull htija u piena.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur